## MOZZJONI BIEX XOGĦOL TA' MEMBRI PRIVATI MA JEĦUX AKTAR MINN SEDUTA WAĦDA

**334. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Brincat, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanent ital-Kamra, meta fuq l-aġenda jidher xogħol ta' Membri Privati, id-diskussjoni fuq dan ix-xogħol m'għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda; u fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dik is-seduta, Mr Speaker, għandu jqiegħed il-mistoqsija jew il-mistoqsijiet kollha li jkun hemm bżonn biex tintemm id-diskussjoni, jekk din ma tkunx intemmet qabel; u li l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu ma jittieħdux fil-ħin li fih jintalbu iżda jittieħdu wara li tispiċċa d-diskussjoni kollha, u b'intervall ta' 20 minuta qabel l-ewwel votazzjoni, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

25.06.1981